**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 106 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Gilmour Flask**

**Illum 20 ta' Lulju 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Gilmour Flask detentur tal-karta tal-identita' Maltija 450196 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli fl-1 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' 11:45hrs ġewwa ic- CCF :

1. Ħebbejt għal WCO 42 Carolee Cumbo sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmillha ħsara b'xi mod. Art.339(1)(d) Kap.9

2. Inġurjajt, jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' WCO 42 Carolee Cumbo, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz, jew

bil-ħsieb li tbeżżgħaha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is- servizz. Art.95 Kap.9

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawża ġiet assenjata lil din il- Qorti kif preseduta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 33A, 339(1)(d) u 95 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ddikjarat l-ewwel imputazzjoni bħala preskritta sabet lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannatha piena ta' priġunerija ta' xahrejn u multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Gilmour Flask, preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Marzu, 2023: fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tannulla u/jew tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tpoġġi lill-appellanti fl-istess pożizzjoni li kienet fil-mument qabel ma' sarilha l-eżami mingħajr ġurament, u sussidjarjament jekk l-ewwel aggravju ma' jkunx akkolt, tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Marzu 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet fuq imsemmija billi, filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti tagħha fejn sabet l-esponenti ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena inflitta.

Rat l-aggravji tal-appellanti Gilmour Flask li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU:</u>**

Illi l-esponenti rreġistrat ammissjoni mingħajr ma kienet konsapevoli dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, flimkien mal-pieni li kull imputazzjoni ġġib kontra tagħha, tanto li lanqas kienet konsapevoli tal-possibbilta′ illi b'tali imputazzjonijiet tista teħel sentenza ta' ħabs effettiv. Illi huwa solament wara li ngħatat il-piena ta' ħabs effettiv illi għarfet il-konsegwenzi, u huwa appuntu għal din ir-raġuni li ffirmat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**IT-TIENI AGGRAVJU:**

Illi l-esponenti tant ma kinitx konsapevoli tal-imputazzjonijiet u l-pieni li l-istess iġibu magħhom, li huwa wara li ngħatat is-sentenza mill-ewwel Onorabbli Qorti li l-istess esponenti rrealizzat illi fuq l-istess imputazzjonijiet hija kienet diġà ngħatat kastig meta kienet residenti fil-Facilita′ Korrettiva ta' Kordin.

Illi l-kastig illi ngħata lill-esponenti mid-Disciplinary Board tal-Ħabs kien ta' sena remission u madwar 15-il ġurnata ġewwa division 6, u dan nonostante l-fatt li l-esponenti hija mara trans, meta tkun il-ħabs tkun fid-division tan-nisa, u d-division 6 huwa division tal-irġiel. Għal kull buon fini qiegħed jingħad illi normalment in-nisa, flok jintbagħtu division 6, jibgħatuhom single room.

Illi in vista tal-artiklu 527 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, u in vista tal-prinċipju ben stabbilit, ne bis in idem, mhuwiex permissibbli illi persuna teħel kastig u/jew piena fuq l-istess fatti darbtejn, darba quddiem il-Board tad-Dixxiplina fil-Ħabs, u darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għal kull buon fini jrid jingħad, illi l-esponenti tifhem illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-eċċezzjoni tan-ne bis in idem, u dan stante l-fatt li wara tali ammissjoni, li l-esponenti ma fehmitx ir-reperkussjonijiet sew tagħha, l-istess Qorti għaddiet għas-sentenza.

**IT-TIELET AGGRAVJU**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, f'każ illi l-ewwel u t-tieni aggravju ma jiġux milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti, il-piena fiċ-ċirkostanzi kienet eċċessiva u mhux konformi mal-liġi u dana tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-esponenti, u tenut kont ukoll tal-fatt illi hekk kif jirriżulta mill-fatti, u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tisma' x- xhieda tal-uffiċjali tal-ħabs, tali sitwazzjoni ma nħolqotx mill-esponenti nnifisha iżda bdiet minn diżgwid mill-uffiċjali nfushom. L-eċċessivita' ta' tali piena qed tiġi wkoll sottomessa stante l-fatt illi ġewwa l-Faċilita' ta' Kordin, l-esponenti kienet digà skontat kastig ta' ħmistax-il ġurnata fid-Division 6 u sena remission.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta minn eżami tal-provi akkolti u appuntu mill-verbal tal-Qorti ta' nhar it-28 ta' Ġunju 2022 li l-appellanti irreġistrat ammissjoni għat-tieni akkuża u dan wara li l-ewwel Qorti ddikkjarat l-ewwel akkuża bħala preskritta. Illi dakinhar stess tal-ammissjoni tagħha l-appellanti ngħatat żmien sabiex tikkonsidra l-ammissjoni tagħha pero' cio nonostante l-appellanti fil-preżenza tal-avukat difensur tagħha tenniet li hi ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha. (video fol. 05 tal-atti proċesswali).

Rat is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti fejn stqarret li hija ma kinitx qed titlob li tingħata xi piena partikolari pero' waħda li ġġiegħel lill-appellanti tirrejalizza li huwa ħażin li thedded lil xi ħadd *molto piu* lill-uffiċċjal pubbliku li jkun qed jaqdi l-inkarigu tiegħu ta' uffiċċjal pubbliku. Apparti dan fakkar lill-Qorti li meta tali reat isir fil-konfini tal-ħabs hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 33A tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-difiza quddiem l-ewwel Qorti ma qablitx ma' din is-sottomissjoni u dan għaliex stqarret li la tali artikolu ma ġiex ċitat fil-komparixxi l-ewwel Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu.

Quddiem din il-Qorti pero' s-sottomissjonijiet tad-difiża kienu differenti kif riflessi fl-aggravji sollevati minn l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha.

Qabel ma din il-Qorti sejra tittratta l-aggravji miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti sejra tindirizza fil-qasir dak li ntqal quddiem l-ewwel Qorti fir-rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 33A tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad bla tlaqliq li l-prosekuzzjoni mhix obbligata li tiċċita l-artikoli tal-Liġi applikabbli għall-każ u dan għaliex huwa preżunt li l-Qorti taf id-dispożizzjonijeit tal-liġi u m'għandhiex bżonn gwida f'dan ir-rigward mill-prosekuzzjoni. Jingħad ukoll f'dan ir-rigward li l-artikolu 33A ma hux reat *ut sic* iżda huwa provediment li jikkonċerna ħtija fir-rigward ta' persuni li jikkommettu reati waqt li jkunu priġunieri fil-konfini tal-ħabs,

Illi l-artikolu 33A tal-kap 9 jipprovdi li;-

> *"Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijeit tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probabtion ma għandhomx japplikaw."*

Illi għalhekk huwa ċar li l-ewwel Qorti ma għandhiex diskrezzjoni dwar l-applikabilita' o meno ta' din id-dispożizzjoni għaliex hija waħda mandatorja u ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti fir-rigward ta' piena. Il-leġislatur uża l-kelma *'għandha'*. Jidher li l-ewwel Qorti għamlet referenza għal dan l-artikolu fid-decide tagħha u dan hu rifless ukoll fil-piena li hija applikat stante li l-piena imposta ma kinitx waħda fil-minimu tagħha.

Fl-ewwel aggravju l-appellanti tistqarr li hija rreġistrat ammissjoni mingħajr ma kienet konsapevoli dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha flimkien mal-piena li l-imputazzjoni ġġib magħha, tant li lanqas ma kienet konsapevoli tal-possibbilta' illi b'tali imputazzjoni setgħet teħel sentenza ta' ħabs effettiv. Illi kien biss wara li ngħatat il-piena ta' ħabs effettiv illi għarfet il-konsegwenzi u għalhekk iffirmat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Issa jingħad l-ewwel nett illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreﬁġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi **<u>min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha.</u>** [1]

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Ammissjoni bikrija mbagħad mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**<u>Il-Pulizija v. David Vella</u>**, 2 ta' Diċembru 2005).

Dan il-ħsieb ġie wkoll riaffermat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid</u>** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti: -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.*

[1] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

*Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Illi f'dan il-każ jirriżulta minn eżami tal-verbal tal-20 ta' Ġunju, 2023 li l-ewwel Qorti wara li semgħet l-ammissjoni tal-appellant *wissietu bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati, inkluz minhabba n-natura tar-reat il-qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew piena ohra statutorja*

Illi għalhekk dan l-ewwel aggravju qed jiġi respint in toto.

Dwar it-tieni aggravju l-appellanta tistqarr illi wara li l-ewwel Qorti ippronunzjat is-sentenza tagħha l-appellanti irrealizzat li fuq l-istess imputazzjonijiet kienet diġa ngħatat kastig meta kienet residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-kastig li allegatament ingħatat kien ta' sena *remission* u madwar ħmistax-il jum ġewwa division 6 u dan nonostante l-fatt li l-esponenti hija mara trans meta tkun il-ħabs tkun fid-division tan-nisa u d-division 6 huwa division tal-irġiel. Illi għalhekk in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 527 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellanti ma setgħetx terġa tinstab ħatja tal-istess reat.

Fil-qasam tad-dritt penali huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge but founded on the same act."*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Fenech** deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 intqal:

> *"Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati 'li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...'.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fuq imsemmija kontra **George Azzopardi** [23 ta' Jannar 2014] qalet: *'L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.'*

Illi fil-kawża odjerna ma hemm l-ebda prova dwar dak lamentat mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha u lanqas ma hemm prova li l-istess appellanti ppruvat tressaq xi evidenza in sostenn tal-allegazzjoni tagħha kif imsemmija fit-tieni aggravju tal-appell tagħha. Illi fil-proċedura penali min jallega jrid jipprova tali allegazzjoni u f'dan il-każ ma sar xejn minn dan u lanqas remotament ma hemm xi prova dwar dak allegat minnu.

Fit-tielet lok l-appellanta tistqarr li l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva. Issa jingħad l-ewwel nett illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċizjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Ammissjoni bikrija mbagħad mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[2]).

Din il-Qorti sejra hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Carmel Attard** mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha fis-26 ta' April 2001 li tirrigwarda ammissjoni skont l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 quddiem il-Qorti Kriminali qabel il-ħatra tal-ġuri, mil-liema sentenza jista' jinstilet parallel:

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Diċembru 2005

*"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte.*

*Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat.*

*Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero` ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest ta' l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali jerga' jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn sakemm ma jkunx hemm verament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilita` jew il-fakolta` li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-ammissjoni hija*

*nficjata minn xi fattur serju daqstant li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

F'dan il-każ kif intqal aktar 'il fuq l-appellanti ġiet imwissija bil-konsegwenza tal-ammissjoni tagħha. Din il-Qorti pero' xorta eżaminat l-atti minkejja li huma skarsi u rat li Carolee Cumbo fl-inkarigu tagħha ta' Uffiċċjal tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin irrapportat li l-appellanti insultatha, hedditha u ppruvat tħebb għaliha filwaqt li kienet ġewwa d-division tan-nisa. Tgħid li f'ħin minnhom infetaħ il-bieb li jagħti għan-naħa ta' fejn ikunu l-uffiċjali u dlonk rat lill-priġuniera appellanti tagħti s-salt sabiex taggrediha u waqt dan l-attentat bdiet toffendi lilha kif ukoll lil familtha.

Din il-Qorti eżaminat ukoll il-fedina penali tal-appellanti u rat li għandha diversi reati reġistrati fuqha u fil-fatt li ngħatat ukoll pieni ta' priġunerija pero' cio nonostante ma tgħallmitx għaliex reġgħet qiegħda quddiem il-Qorti. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni 'l għaliex għandha tiddipartixxi u tvarja l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tikkonferma l-ewwel sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn iddikjarat l-ewwel akkuża preskritta ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ħatja tat-tieni akkuża fejn ikkundannatha għal xahrejn priġunerija u multa ta' tmien mitt euro (€800).

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**